MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11

It -Tlieta 29 ta' Awwissu 2017

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas - Kunsillier
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

***Ma Kienx hemm***

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

## 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**11.2.1** Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Lulju 2017.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Vici indku Christopher Bruno

## 11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**11.3.1** Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar tabella oħra li ser tkun qed titwaħħal minn naħa tal-Kunsill fit-tarf ta' Triq Gianni Raimondo.

**11.3.2** Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi s-Sur Charles Flores kiteb ittra formali lill-istess Kunsill b'xewqa li jikteb ktieb dwar il-lokal bl-għajnuna ta' l-istess Kunsill billi jew jiġi mibjugħ il-ktieb mill-Kunsill jew inkella tinħareġ somma ta' €300 għal affini ta' pubblikazzjoni ta' dan l-istess ktieb.

Is-Sur Pawlu Bongailas issuġerixxa li niltaqgħu mas-Sur Charles Flores biex wieħed jiddiskuti fid-dettal dan l-istess ktieb u x'inhuma l-ispejjeż eżatt li ser jidħol fih il-Kunsill.

11.3.3 Is-Sinjura Chircop infurmat il-Kunsill dwar laqgħa li kellha mas-Sur Jason Micallef iċ-'Chairperson' tal-Valletta18 flimkien mas-Sindki tal-Kottonera kollha rigward 'eyesore' fil-baħar li hawn f'dawn l-inħawi tar-rig taż-żejt kif ukoll krenijiet fl-ilma.

11.3.4 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi ser ikun hemm fondi mgħotija lir-Reġjun li jagħmel parti minnu il-Kunsill Lokali Kalkara biex jinħareġ ktieb ta' informzzjoni li jinkludu l-Kunsilli kollha tar-Reġjun Xlokk.

11.3.6 Is-Sinjura Speranza Chircop għaddiet informazzjoni dwar dħul u ħruġ tal-attivita' ta' Puttinu li saret aktar kmieni fix-xahar ta' Lulju bid-dettalji kif ġew mogħtija lilha stess minn naħa tal-organizzatur.

Is-Sinjura Maria Sultana saħqet illi din mhux informazzjoni dettaljata u ma taċċetax rendikont bħal dan. Hija talbet li jingħata rendikont kif suppost ta' kull ħanut kemm ta' donazzjoni / kemm inġabru flus b'kollox kif ukoll il-ħruġ minnhom biex jitħallsu in-nies kollha li ħadmu għal din l-attivita' li jinkludi il-palk u dak kollu li kien hemm bżonn.

Is-Sinjura Chircop qalet illi ser tkun qed tkellem organizzatur għall aktar dettalji fuq din l-attivita'.

11.3.7 Is-Sinjura Chircop infurmat il-Kunsill dwar 2 ħarġiet kulturali għal Anzjani u l-Familja / Irġiel li ser ikunu qed isiru aktar tard fix-xhur ta' Ottubru u Novembru 2017.

11.3.8 Is-Sinjura Speranza Chircop ressqet suġġeriment min naħa ta' residenta biex fuq il-fuljett li jinħareġ mill-Kunsill jitniżżlu id-dekasteri speċifiċi ta' kull Kunsillier flimkien ma numru tat-telefon taċ-ċellulari rispettivi tagħhom.

Il-Kunsill ma qabilx li jitniżżel in-numru personali tagħhom speċjalment għar-raġuni illi kull ilment għandu jiġi mogħddi lill-Aministrazzjoni tal-Kunsill kif inhu suppost.

Is-Sur Vince Bongailas pero' qabel li n-numru tiegħu jista jitniżżel bla ebda problema ta' xejn.

11.3.9 Is-Sinjura Speranza Chircop għaddiet it-twegiba formali ta' TM fir-rigward tal-'bollards' li 'nqalgħu fi Triq il-Ħbit mill-Ajru fejn TM qed jikkonferma illi l-'bollards' mhumiex posthom u l-unika ħaġa li tista ssir illi li l-Kunsill jgħolli il-bankina li hemm preżenti biex ma jitilgħux karozzi fuqha.

Il-Kunsill kollu qabel illi għandu jitħalla kollox kif inhu kif wara kollox ilu għal dawn is-snin kollha minhabba li karozza ma tgħaddix jekk tiġi għolja l-bankina.

Is-Sur Chris Bruno issuġerixxa li tintbgħat email lura lill-TM għal approvazzjoni ta' tabella li din it-Triq hija 'Dead End' kif ukoll titwaħħal bollord fit-tarf ta' Triq kif darba kien hemm fil-passat.

11.3.10 Is-Sinjura Speranza Chircop ippreżentat ittri u emails mingħand residenti li joqgħodu in-naħa tax-Xatt rigward l-ammont eċċesiv ta' ħmieġ tal-ħamiem li qed jiġi ġenerat mill-ħamiem li hemm fl-inħawi.

Il-Kunsill qabel illi wieħed għandu jinforza aktar il fatt illi għal ebda raġuni wieħed ma jistax jitma l-ħamiem ħabba raġunijiet sanitarji.

Il-Kunsill stess waħħal tabelli fl-inħawi differenti fuq dan ir-rigward.

11.3.11 Is-Sinjura Speranza Chircop għarrfet lill-Kunsill dwar fondi ta' restawr ta' postijiet storiċi maħruġin mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex kull Kunsill ikun jista japplika għal-interess tiegħu.

Il-Kunsill kollu qabel illi l-Kalkara għandha tapplika għar-restawr tan-niċċa u l-Kappella kollha tas-Salvatur li tinsab fi Triq is-Salvatur.

11.3.12 Is-Sinjura Speranza Chircop għarrfet il-Kunsill dwar proġett konġunt mall-Kunsilli tal-Kottonera fuq installazjoni tal-'ebikes' fil-lokal.

Is-Sur Chris Bruno issugerixxa li jsiru in-naħa ta' Ġnien is-Salvatur biex b'hekk minn jużhom ikun jista jibda id-dawra tal-Kalkara mill-bidu.

Is-Sinjura Speranza Chircop issuġeriet li dawn isiru ix-Xatt.

Il-Kumplament tal-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-Sur Chris Bruno u ġie maqbul unanimament li dawn l-'ebikes' la darba jinġiebu il-fondi għalijhom jitwaħħlu fl-inħawi ta' Ġnien is-Salvatur.

11.3.13 Is-Sinjura Speranza Chircop għarrfet il-Kunsill dwar il-ġbir ta' l-iskart tal-Malta Film Commission f'Santu Rokku li ser jibda jinġabar mill-kuntrattur tal-Kunsill stess.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

11.3.14 Is-Sinjura Speranza Chircop għarrfet il-Kunsill illi l-bandli għandu bżonn tibdil fil-ġostri li għandu fil-preżent minħabba l-periklu li qed jinħoloq wara li kien hemm ħafna tkissir.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jinbidel / jitranġa li hemm bżonn kif ukoll l-isetss Kunsill qabel illi hemm bżonn li tkompli issir pressjoni fuq il-proġett kapitali sottomess lill-Gvern Ċentrali li jinkludi dan l-istess bandli.

11.3.15 Is-Sinjura Speranza Chircop għarrfet il-Kunsill illi ser ikunu qed jirċievu email rigward programm fuq it-TV li din id-darba hemm bżonn jiġu nominati nies personalitajiet / kantanti eċċ.. fost aktar informazzjoni li kull Kunsillier jekk għandu jrid jibatgħom lis-Seg.Eżek. biex hi tgħaddijom lil organizzaturi ta' dan l-istess programm.

11.3.16 Is-Sinjura Speranza Chircop ippreżentat email mingħand resident li qed jistaqsi formalment il-Kunsill informazzjoni fuq l-aċċess f'Bighi Rocks kif ukoll aċċess ta' Triq li tieħdok il-Forti Rikażoli li fil-preżent huma magħluqin it-tnejn.

Il-Kunsill saħaq illi dawn iż-żewġ punti ma jaqawx taħt il-Kunsill dirett i.e. għandhom jintbgħatu lil-Awtoritajiet ikkonċernati biex wieħed ikun jista jagħti risposta formali fuq din l-istess email.

11.3.17 Is-Sinjura Speranza Chircop għarrfet il-Kunsill illi l-AKL għandha bżonn informazzjoni fuq il-widien fil-lokal tagħna biex b'hekk jiġu mnaddfa fiż-żmien li ġej:

Fejn il-Knisja tal-Kapuċċini
Wara il-Knisja Parrokkjali
Married Quarters

11.3.18 Is-Sinjura Chircop infurmat il-Kunsill dwar xogħol ta' kostruzzjoni fi Triq San Mikiel li jridu jsiru minn naħa ta' residenti li ġab kopja tal-permessi tal-MEPA fil-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi m'għandux oġġezzjoni li jsiru dawn ix xogħlijiet għal fatt illi la ħarġu l-permessi tal-MEPA il-Kunsill m'għandu l-ebda dritt iwaqqaf dawn il-permessi w apparti minn hekk kulħadd għandu dritt jaħdem fil-propjeta' tiegħu.

Il-Kunsill jaf illi dan is-sit huwa wieħed ristrett u tajjeb li tintbgħat ittra lir-residenti tal-inħawi qabel ma jinbeda ix-xogħol mill-persuna li qed tapplika għaliih kif ukoll jinħarġu sett ta' restrizzjonijiet mill-Kunsill stess għas-Sigurta' tar-residenti li joqgħodu fi Triq San Mikiel.

## 11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### Christopher Bruno – Viċi Sindku

11.4.1

**A.** Is-Sur Chris Bruno talab il-Kunsill jieħu b'kunsiderazzjoni li jibdew jitwieġbu l-ilmenti u suġġerimenti tan-nies fuq paġna partikolari fuq 'Facebook' anke meta din mhux il-paġna uffiċjali tal-Kunsill

Il-Kunsill qabel unanimament illi kull ilment suġġeriment li jiġi moqri fuq paġni bħal dawn imsemmija hawn fuq għandhom jiġu mwieġba biss formalment fuq il-paġna uffiċjali tal-Kunsill.

**B.** Is-Sur Chris Bruno talab li tintbgħat email formali lid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika fejn dawn qegħdin jieħdu ħsieb il-ftuħ u l-egħluq tal-latrina li hemm il-Bajja ta' Rnella b'suġġeriment biex tinfetaħ aktar tard u tingħalaq aktar tard fuq suġġeriment tar-residenti stess kif ukoll nitolbu l-istess Dipartiment jekk wieħed jistax jilħaq ftehim magħhom biex il-latrina tal-bandli titranġa minn naħa tad-Dipartiment stess.

**C.** Is-Sur Chris Bruno talab li jinbidlu l-iskips ta' Triq it-Turretta kif ukoll ta' Triq Patri Mattew Sultana minħabba illi it-tnejn li huma imkissrin kif ukoll nieħdu ħsieb li nkellmu l-kuntrattur biex jaħsel aktar ta' spiss l-iskips kif wara kollox għandu miktub speċifikamnt fil-kuntratt.

**D.** Is-Sur Chris Bruno talab li jsir rapport formali fuq l-imwejjed u s-siġġijiet li qed jinħarġu barra fil-bidu ta' Triq Rnella fejn apparti li huma bla permess qed ikunu ta' periklu għal min ikun qiegħed bilqegħda fuqhom.

**E.** Is-Sur Chris Bruno ikkonferma li ħames familji Kalkariżi ma natawx ir-roħs kif suppost u miftihem ma' Esplora għad-dħul ta' dan is-sit. Is-Sinjura Maria Sultana ikkonfermat dan ukoll wara li kellha l-istess ilmenti m'għand residenti differenti.

**F.** Is-Sur Chris Bruno talab lis-Seg.Eżek. tikseb informazzjoni fuq kolonna li hemm fi Triq Santa Liberata peress li fil-passat kien hemm l-istatwa ta' San Pawl fuqha li fil-verita din l-istess Triq taqa taħt il-Gvern Ċentrali. Is-Sinjura Speranza Chircop ikkonfermat illli hija wkoll ser tkun qed tgħaddi dan is- suġġeriment lill-Kumitat tar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera la darba li jiltaqa l-board fil-futur kif diġa kien ġie diskuss f'Seduta preċedenti.

**Is-Sinjura Maria Sultana – Kunsilliera**

A. Is-Sinjura Maria Sultana għaddiet ilment fuq impjegat tal-kuntrattur tal-iskart, fejn apparti illi mhux jiġbor kollox f'ġurnata partikolari fetaħ il-bieba u għamel il-bżonnijiet tiegħu fi flixkun quddiem l-iskola fejn ikunu
11.4.2 qegħdin it-tfal

B. Is-Sinjura Maria Sultana qablet mal-punt tal-Viċi Sindku rigward il-latrina tax-Xatt fejn din għandha tiġi irranġata u jekk hemm bżonn tiġi bil-flus ukoll.

C. Is-Sinjura Maria Sultana talbet lis-Seg.Eżek tirraporta l-ammont ta' ġebel li hemm fuq ir-ramel tal-Bajja ta' Rnella biex jiġi mneħħi minn naħa tad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika peress li din il-bajja taqa taħtom.

D. Is-Sinjura Maria Sultana talbet lis-Seg.Eżek tieħu ħsieb li tinkines Triq il-Missjoni Taljana waħda tajba u mhux jinġabru il-karti min impjegati tad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika.

E. Is-Sinjura Maria Sultana irrapurtat għal darb'oħra karozzi 'Double Deckers' ipparkjati bil-lejl fi Triq il-Missjoni Taljana kif ukoll Triq Marina. Apparti minn hekk qed ikun hemm trakk mgħobbi bil-'Mobile Toilets' fi Triq Marina li qiegħed idejjaq ħafna residenti li joqgħodu fl-inħawi

F. Is-Sinjura Maria Sultana saħqet illi ma jistax ikun illi jitħallew għaddejjien ix-xogħlijiet fi Triq il-Missjoni Taljana in-naħa tal-Ground tal-Football bla Wardens kif ukoll 'barriers' bla dawl li qed joħolqu periklu għal karozzi li jgħaddu min hemm.

G. Is-Sinjura Maria Sultana irrapurtat 'barriers' imħallijijn fin-nofs min naħa ta' TM fi Triq Santu Rokku bla dawl.

H. Is-Sinjura Maria Sultana saħqet illi it-'Traffic Calmers' kollha li ġew implementati min naħa ta' TM għandhom bżonn jinżebgħu kollha minħabba l-ilmenti tas-sewwieqa u dawn l-istess 'calmers' mhumiex qed jidru speċjalment fid-dlam.

I. Is-Sinjura Maria Sultana staqsiet jekk fil-verita kienx hemm bżonn li jinżebgħu il-bankini tax-Xatt ħomor wara li lanqas biss dan ix-xogħol ġie mressaq Kunsill. Hija saħqet illi aħjar jitranġaw il-bankini milli jinżebgħu.

Is-Sinjura Chircop qalet illi dawn reġgħu inżebgħu kif kienu fil-passat minħabba li kienu iċċaraw u ma sar l-ebda xogħol mill-bidu.

J. Is-Sinjura Maria Sultana saħqet illi hija vera urtata wara li pretendiet illi is-Sindku tagħti informazzjoni lill-Kunsill dwar il-laqgħa li kellha mal-kuntrattur li qed jaħdem fl-inħawi tal-iskola wara l-ħafna lmenti li kienet għaddiet hi stess fuq din is-sitwazzjoni.

Is-Sinjura Chircop skużat ruħha għaliex kienet sempliċiment nesiet tagħti informazzjoni dwar din il-laqgħa.

Is-Sinjura Maria Sultana kompliet tisħaq li hija lesta tagħmel protesta flimkien mar-residenti tal-inħawi wara d-diżastru li qegħdin jgħixu fih minn mindu inbeda dan ix-xogħol.

**Is-Sur Pawlu Bongailas - Kunsillier**

A. Is-Sur Pawlu Bongailas, staqsa jekk Jum il-Kalkara hux se jiġi ċelebrat il-Ħadd 10 ta' Diċembru, il-Kunsill kollu qabel illi Jum il-Kalkara għandha ssir nhar il-Ħadd 10 ta' Diċembru.

11.4.3

B. Is-Sur Pawlu Bongailas informa lill-Kunsill illi qiegħed jaħdem il-loġistika kollha rigward fejn ser isir il-Kunċert kif ukoll ir-riċeviment li jsir wara. Fotografu, Preżentazzjoni etċ etċ.

C. Is-Sur Pawlu Bongailas ser ikun qed jgħati aktar dettalji dwar kollox li jikkonċerna din l-attivita aktar tard fil-jiem li ġejjijn wara li jkun ukoll iltaqa ma nies mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp minhabba illi din is-sena jmiss lilhom itellgħu din l-attivita' flimkien mall-Kunsill.

D. Is-Sur Pawlu Bongailas talab ukoll lil kull Kunsillier jinnomina persuna għas-Sotto Kumitat biex ikunu parti mill-preparamenti tal-għoti ta' Ġieħ il-Kalkara.

F. Is-Sur Pawlu Bongailas talab lis-Sinjura Maria Sultana illi m'għandux jibqa jitkanta l-Innu Malti waqt l-attivita' tat-tlugħ tal-Bandiera li ssir wara l-Quddiesa tat-Tfal abbinata ma Jum il-Kalkara imma għandu jitkanta l-Innu tal-Kalkara kif inhu suppost.

G. Is-Sur Pawlu Bongailas talab lil kull Kunsillier jikteb messaġġ kif inhu xieraq għal fuq il-fuljett li ser ikun qed jiġi mqassam f'kull dar aktar tard f'Diċembru wkoll kull Kunsillier itih informazjoni jekk forsi ikollu xi ħaġa li jridu li jiġi publikat.

**H.** Is-Sur Pawlu Bongailas, talab lis-Seg.Eżek. tistaqsi lil TM fuq is-sitwazzjoni tal-bagi fix-Xatt tal-Kalkara wara li l-istess Kunsill kien sema li dawn għandhom jiġu regolarizzati.

**I.** Is-Sur Pawlu Bongailas talab lis-Seg.Eżek. tieħu ħsieb illi il-konki li hemm viċin il-bandli fix-Xatt tal-Kalkara jitneħħew minnufih.

**J.** Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi hemm bżonn li l-Kunsill jagħmel pressjoni ma TM fuq 'round about' li kellha ssir in-naħa ta' Triq Santu Rokku u Triq il-Missjoni Taljana minħabba il-periklu li hemm f'dawk l-inħawi.

**K.** Is-Sur Pawlu Bongailas talab lis-Seg.Eżek. tieħu ħsieb li tikkordina laqgħa mal-Ministru tal-Intern u Sigurta' Nazzjonali rigward il-Pulizija tal-lokal wara l-laqgħa li saret mal-Maġġur ta' dan id-distrett fuq materji varji li jikkonċernaw il-Kalkara.

**L.** Is-Sur Pawlu Bongailas talab lis-Seg.Eżek. tiċċekja sew mal-avukat x'tgħid il-ligi fuq ġbir tal-iskart li jinkludi il-'Boutique Hotels' fuq punt 10.4.2 mis-Seduta preċedenti.

**M.** Is-Sur Pawlu Bongailas irraporta dawl maqtugħ fi Pjazza Sagra Familja fejn talab tiġi meħuda azzjoni minnufih minħabba id-dlam li hemm fl-inħawi.

**Is-Sur Vince Bongailas - Kunsillier**

**A.** Is-Sur Vince Bongailas talab jintbgħat rapport formali lis-Sanita fuq il-problema ta' ġrieden li hemm ix-Xatt speċjalment fejn il-bandli.

**11.4.4** Is-Seg.Eżek. ikkonfermat li r-rapport kien diġa sar fuq dan ir-rigward. Hija qalet ukoll illi tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu illi fil-viċinanzi hemm kamra tad-dranaġġ kif ukoll il-ħmieg li qed jitħalla ix-Xatt fejn l-iskips mhux qed jgħin xejn biex titnaqqas il-problem tal-ġrieden.

**B.** Is-Sur Vince Bongailas talab lis-Seg.Eżek tirraporta toqob tal-arbli tal-festa bla għotjin fi Triq Marina

**C.** Is-Sur Vince Bongailas qabel mal-punt tal-Viċi Sindku rigward l-iskips fejn tajjeb li l-kuntrattur tal-iskart jieħu ħsieb l-għotjin kif ukoll il-ħasil ta' skips kullimkien madwar il-lokal.

**D.** Is-Sur Vince Bongailas għadda dokument lis-Seg.Eżek. dwar każ ta' residenta li toqgħod fil-viċinanzi taċ-Ċimiterju tal-Lhud fi Triq Rnella, fejn din ilha tilmenta għal dawn l-aħħar sitt snin fuq l-ilma u l-moffa li għandha fid-dar stess minħabba nuqqas ta' manutenzjoni f'dan l-istess Ċimiterju.

Is-Seg.Eżek kif ukoll is-Sindku nfurmaw il-Kunsill illi huma kienu qed jaħdmu mal-Gvern Ċentrali kif ukoll ma l-amministrazzjoni taċ-Ċimiterju tal-Lhud fuq din l-istess kwistjoni.

Persuna partikolari kienet qiegħda tagħmel spezzjoni fiċ-Ċimiterju stess biex wieħed ikun jista jieħu deċiżjoni x'jista jsir biex din ir-residenta ma tibqax tilmenta.

## 11.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

11.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 10.17 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 11.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 11.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

11.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar it-Tlieta 26 ta' Settembru 2017 fl-4:00 p.m.

Konfermati, illum It-Tlieta 29 ta' Awwissu, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |